



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.6.2025
COM(2025) 290 final

ANNEX 20

ANNESS

tal-

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat
Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni**

L-Istat tad-Deċennju Diġitali 2025: Inkomplu nibnu s-sovranità u l-futur diġitali tal-UE

{SWD(2025) 290 final} - {SWD(2025) 291 final} - {SWD(2025) 292 final} -
{SWD(2025) 293 final} - {SWD(2025) 294 final} - {SWD(2025) 295 final}

RAPPORTI QOSRA TAL-PAJJIŻI 2025

Malta

Sommarju eżekuttiv

Malta għandha prestazzjoni tajba ħafna fl-adozzjoni tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u fid-diġitalizzazzjoni tan-negozji, filwaqt li hemm lok biex il-ġabra ta' speċjalisti fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT, information and communication technologies) tkompli tespandi. Il-pajjiż huwa fost l-aqwa fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi. Malta turi livell moderat ta' ambizzjoni fil-kontribut tagħha għad-Deċennju Diġitali wara li stabbiliet 12-il mira nazzjonali, li 58 % minnhom huma allinjati mal-miri tal-UE għall-2030. Il-pajjiż qed isegwi t-trajettorji tiegħu moderatament tajjeb u 50 % tagħhom jinsabu fit-triq it-tajba (meta wieħed iqis it-trajettorji tal-2024 definiti għal erba' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs, key performance indicators) minn tmienja analizzati). Malta indirizzat 38 % mit-tmien rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni fl-2024 billi għamlet xi bidliet permezz ta' miżuri ġodda.

Matul l-aħħar sena, inkiseb progress sinifikanti, b'mod partikolari fis-sehem tal-intrapriżi li jadottaw l-IA, li laħaq is-17,3 %, u fl-espansjoni tal-infrastruttura tal-konnettività — b'mod partikolari permezz tal-introduzzjoni kontinwa ta' networks tal-fibra sal-lokal (FTTP, fibre-to-the-premises). Malta laħqet il-miri tad-Deċennju Diġitali għal networks b'kapaċità għolja ħafna (VHCN, Very High Capacity Networks) fl-2019 u b'kopertura tal-5G bażika fl-2022. L-implimentazzjoni tal-FTTP għadu għaddej iżda qed jagħmel progress rapidu lejn kopertura nazzjonali sħiħa. Għad hemm sfidi fit-titjib tal-ħiliet diġitali bażiċi fost il-popolazzjoni kollha u fl-indirizzar tan-nuqqas ta' speċjalisti fl-ICT.

Malta dejjem aktar orjentat il-politiki diġitali tagħha lejn it-tisħiħ tas-sovranià diġitali, lejn kontroll u salvagwardja aħjar tal-infrastruttura diġitali, id-data u t-teknoloġiji tagħha, permezz ta' approċċ multidimensjonali. Malta qed tavvanza s-sovranià diġitali billi ssaħħaħ iċ-ċibersigurtà nazzjonali permezz ta' inizjattivi bħal CYBER+ALT, tespandi d-detezzjoni tat-theddid, u tibni infrastruttura sigura, filwaqt li tippromwovi l-innovazzjoni lokali permezz ta' finanzjament iddedikat għall-istart-ups u oqfsa ta' politika diġitali.

KPI tad-Deċennju Diġitali (1)	Malta				UE		Mira tad-Deċennju Diġitali sal-2030	
	DESI 2024 (is-sena 2023)	DESI 2025 (is-sena 2024)	Progress annwali	Trajettorja nazzjonali 2024 (3)	DESI 2025	Progress annwali	MT	UE
Kopertura tan-Network Fiss b'Kapaċità Għolja Ħafna (VHCN)	100,0 %	100,0 %	0,0 %	-	82,5 %	4,9 %	100,0 %	100 %
Kopertura tal-Fibra sal-Lokal (FTTP)	69,6 %	86,2 %	23,9 %	-	69,2 %	8,4 %	100,0 %	-
Kopertura ġenerali tal-5G	100,0 %	100,0 %	0,0 %	100,0 %	94,3 %	5,9 %	100,0 %	100 %
Nodi Periferiċi (stima)	17	32	88,2 %	-	2 257	90,5 %	-	10 000
SMEs bi mqar livell bażiku ta' intensità diġitali (2)	-	81,3 %	2,2 %	-	72,9 %	2,8 %	85,0 %	90 %
Cloud	58,2 %	-	-	-	-	-	80,0 %	75 %
Intelliġenza Artifiċjali	13,2 %	17,3 %	31,4 %	18,8 %	13,5 %	67,2 %	27,2 %	75 %
Analitika tad-data	35,6 %	-	-	-	-	-	51,1 %	75 %
IA jew Cloud jew Analitika tad-data	68,3 %	-	-	-	-	-	-	75 %
Unicorns	4	4	0,0 %	-	286	4,4 %	-	500
Imqar ħiliet diġitali bażiċi	63,0 %	-	-	-	-	-	75,0 %	80 %
Speċjalisti fl-ICT	4,7 %	5,2 %	10,6 %	5,5 %	5,0 %	4,2 %	8,0 %	~10 %
Notifika tal-iskema tal-eID		Iva						
Servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini	100,0	99,7	-0,3 %	100,0	82,3	3,6 %	100,0	100

Servizzi pubbliċi diġitali għan-negozji	100,0	100,0	0,0 %	-	86,2	0,9 %	100,0	100
Aċċess għar-rekords tal-e-Saħħa	88,0	93,7	6,5 %	-	82,7	4,5 %	100,0	100

(1) Ara n-nota metodoloġika għad-deskrizzjoni tal-indikaturi u metriċi oħra
(2) L-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI, Digital Economy and Society Index) 2025 jirrapporta l-verżjoni 4 tal-Indiċi tal-Intensità Diġitali, li huwa komparabbli mal-valur tad-DII mid-DESI 2023 (li jirreferi għas-sena 2022) għall-kalkolu tal-progress annwali. Ma huwiex komparabbli mat-trajettorja nazzjonali li hija bbażata fuq il-verżjoni 3 tal-indiċi.
(3) Il-valur tat-trajettorja nazzjonali jekk preżenti fil-pjan direzzjonali nazzjonali u jekk l-indikatur tkejjel fid-DESI2025 (sena 2024)

Skont l-Ewrobarometru speċjali tal-2025 dwar “id-Deċennju Diġitali”, 80 % taċ-ċittadini Maltin jqisu li d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u privati ta’ kuljum qed tagħmlilhom ħajjithom aktar faċli. Fir-rigward tal-azzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi, 90 % jqisu li huwa importanti li tiġi miġġielda u tittaffa l-kwistjoni ta’ aħbarijiet foloz u ta’ diżinformazzjoni online, u fir-rigward tal-kompetittività, 87 % jqisu li huwa importanti li jiġi żgurat li l-kumpaniji Ewropej ikunu jistgħu jikbru u jsiru “Champions Ewropej” li kapaċi jikkompetu globalment.

UE kompetittiva, sovrana u reżiljenti bbażata fuq tmexxija teknoloġika

Malta għandha pożizzjoni b’saħħitha fir-rigward tal-infrastruttura diġitali, fejn qed taqbeż il-medja tal-UE u qed tilħaq kopertura sħiħa tal-VHCN u tal-5G bażika. L-introduzzjoni tan-networks tal-fibra qed tkompli u qed timxi ’l quddiem b’pass mgħaġġel. Fir-rigward tal-5G fil-banda ta’ bejn 3,4 u 3,8 GHz, Malta għadha lura meta mqabbla mal-UE iżda qed tespandi malajr.

Il-biċċa l-kbira tal-intrapriżi Maltin juru tal-anqas livell bażiku ta’ intensità diġitali u l-adozzjoni tal-IA hija oġġla mill-medja tal-UE, għalkemm l-isfidi jippersistu b’mod partikolari fost l-intrapriżi iżgħar. Malta qed trawwem ekosistema dinamika u li qed tespandi għall-istart-ups permezz ta’ miżuri konkreti ta’ appoġġ bħall-iskema *Start-Up Finance*, il-*Programm Start-Up Residence*, u l-*ħolqien ta’ Fond ta’ Kapital ta’ Riskju ta’ EUR 10 miljun*. Il-pajjiż qed jinvesti wkoll fil-ħiliet diġitali u fl-infrastruttura tal-innovazzjoni, inkluż pjan direzzjonali nazzjonali li jippromwovi teknoloġiji emerġenti u jappoġġa l-iscale-ups. Malta qed issaħħaħ b’mod attiv il-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza diġitali tagħha, bil-għan li tnaqqas id-dipendenza fuq it-teknoloġiji esterni u ttejjeb il-kontroll fuq l-ekosistema diġitali tagħha, għalkemm għad fadal sfidi fl-adozzjoni ta’ standards ewlenin tal-internet bħall-IPv6 u l-Estensjonijiet tas-Sigurtà tas-Sistema tal-Ismijiet tad-Dominju (DNSSEC, Domain Name System Security Extensions).

Niproteġu u nagħtu s-setgħa lin-nies u lis-soċjetà tal-UE

Il-biċċa l-kbira tan-nies f’Malta għandhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi u l-pajjiż għamel xi progress dwar is-sehem ta’ speċjalisti fl-ICT fl-impjieg, iżda hemm lok biex jittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri. Fl-2024, is-sehem tal-ispeċjalisti fl-ICT fl-impjieg żdied għal 5,2 %. Filwaqt li l-interess fil-karrieri tax-xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika (STEM, science, technology, engineering and mathematics) u tal-ICT qed jikber, in-nuqqas ta’ ħiliet għadu ta’ tħassib. Il-maġġoranza tal-popolazzjoni Maltija (63 %) għandha mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, u l-pajjiż jagħti prijorità lill-inklużività fl-implimentazzjoni tan-National eSkills Strategy 2022-2025.

Is-servizzi pubbliċi diġitali huma żviluppatti sew u aċċessibbli b’mod wiesa’, u dan jirrifletti l-enfasi ta’ Malta fuq amministrazzjoni ċċentrata fuq l-utent u simplifikata. L-istrateġiji nazzjonali jippromwovu soluzzjonijiet diġitali sovrani, li għandhom l-għan li jiżguraw trasformazzjoni diġitali sigura u inklużiva għaċ-ċittadini kollha.

Nisfruttaw it-trasformazzjoni diġitali għal ekoloġizzazzjoni intelliġenti

Malta hija impenjata li tikseb in-newtralità karbonika sal-2050, b'enfasi fuq is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-innovazzjoni fis-setturi kollha. It-teknoloġiji diġitali huma rikonoxxuti bħala faċilitatur ewlieni f'din it-tranżizzjoni, u jgħinu lin-negozji jadottaw prattiki sostenibbli u jagħtu spinta lill-kompetittività ġenerali. Il-gvern qed irawwem kollaborazzjonijiet mas-settur privat biex imexxi 'l quddiem l-għanijiet ta' sostenibbiltà u jintegra s-soluzzjonijiet diġitali fit-tranżizzjoni ekoloġika.

Pjan direzzjonali strateġiku nazzjonali tad-Deċennju Diġitali

Malta ma ppreżentatx pjan direzzjonali nazzjonali aġġornat dwar id-Deċennju Diġitali fl-2025; għalhekk, il-miżuri u l-miri għall-2030 jibqgħu mhux mibdula minn daww deskritti fil-pjan direzzjonali inizjali tal-2023. Fl-2024, Malta kompliet bl-implimentazzjoni tal-miżuri eżistenti iżda ma ħadet l-ebda miżura ġdida. B'kollox, diġà ntlaħqu tliet miri (jiġifieri, il-VHCN, il-5G u s-Servizz Pubbliku Diġitali għaċ-Ċittadin). Il-miri l-oħrajn kollha jallinjaw mal-għanijiet fil-livell tal-UE għall-2030, ħlief għal tliet miri nazzjonali (ħiliet diġitali bażiċi, għadd ta' speċjalisti fl-ICT u SMEs bi mqar livell bażiku ta' intensità diġitali) li jaqgħu kemxejn taħt il-miri tal-UE. It-trajettorji għan-nodi periferiċi, l-e-Saħħa u l-unicorns huma neqsin. Għalkemm il-pjan direzzjonali jkopri kważi l-oġġettivi kollha tad-Deċennju Diġitali, xi aspetti jaf jeħtieġu aktar sforz. Barra minn hekk, il-pjan direzzjonali huwa magħmul minn 66 miżura b'baġit totali ta' EUR 285 miljun (ekwivalenti għal 1,27 % tal-prodott domestiku gross (PDG)) li jkopru l-biċċa l-kbira tal-miri. Xorta waħda jkopri l-oġġettivi kollha tad-Deċennju Diġitali bħal spazju diġitali ċċentrat fuq il-bniedem, reżiljenza u sigurtà, sovrani, ambjent, u protezzjoni tas-soċjetà. Dawn il-kisbiet huma r-riżultat ta' politiki pubbliċi mmirati skont l-istrateġija *Malta Diġitali 2022–2027*, b'enfasi qawwija fuq it-tiżni tas-servizzi diġitali pubbliċi u l-konnettività.

Finanzjament u proġetti għad-diġitali

Malta talloka 26 % tal-pjan totali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza għad-diġitali (EUR 68 miljun)¹. Barra minn hekk, skont il-politika ta' koeżjoni, EUR 129 miljun, li jirrappreżentaw 17 % tal-finanzjament totali tal-politika ta' koeżjoni tal-pajjiż, huma ddedikati għall-avvanz tat-trasformazzjoni diġitali ta' Malta². Malta qed tipparteċipa direttament fil-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni dwar il-Mikroelektronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni (IPCEI-ME/CT, Important Project of Common European Interest on Microelectronics and Communication Technologies). Malta hija stat parteċipanti tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC JU, European High-Performance Computing Joint Undertaking) u tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep.

Malta għadha ma ppreżentat l-ebda proġett fil-qafas tal-Aċċelleratur tal-Aħjar Prattika tad-Deċennju Digitali³.

Drittijiet u Prinċipji Diġitali

¹ Is-sehem tal-allokazzjonijiet finanzjarji li jikkontribwixxu għall-oġġettivi diġitali ġie kkalkolat skont l-Anness VII tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-aħħar aġġornament tad-data: is-16 ta' Mejju 2025.

² Dan l-ammont jinkludi l-investiment kollu mmirat speċifikament għat-trasformazzjoni diġitali jew li jikkontribwixxi sostanzjalment għaliha fil-perjodu tal-programmazzjoni tal-Politika ta' koeżjoni 2021-2027. Il-fondi sors huma l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

³ L-Aċċelleratur tal-Aħjar Prattika (BPA, Best Practice Accelerator) hija pjattaforma li tippermetti lill-Istati Membri jikkondividu miżuri u sfidi ta' suċċess li jiltaqgħu magħhom fl-isforzi tagħhom biex jilħqu l-miri u l-oġġettivi tad-Deċennju Diġitali tagħhom. L-aħjar prattiki jsiru disponibbli għall-Istati Membri permezz tar-Repożitorju tal-BPA u jintwerew f'workshops regolari, li bħalissa huma ffukati fuq tliet raggruppamenti tematiċi: Il-Ħiliet Diġitali, l-IT Ekoloġika, u l-Adozzjoni tat-Teknoloġiji Diġitali.

Skont studju ta' appoġġ, Malta kienet waħda mill-aktar Stati Membri attivi fl-implimentazzjoni tad-[Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali](#), b'aktar minn 100 inizjattiva b'kollox u b'35 inizjattiva ġdida mnedija fl-2024. Malta hija l-aktar attiva fil-qasam tas-solidarjetà u l-inklużjoni u l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet diġitali. Ġiet identifikata inqas attività fir-rigward tal-konnettività u s-sostenibbiltà. Il-miżuri fil-qasam tas-solidarjetà u l-inklużjoni jidhru li għandhom l-akbar impatt fuq il-post, b'kuntrast għal dawk li jindirizzaw il-libertà tal-għażla.

Rakkomandazzjonijiet

- **Speċjalisti fl-ICT:** Tippromwovi opportunitajiet ta' karriera fl-ICT u fl-iSTEM u programmi edukattivi relatati, speċjalment fost in-nisa.
- **Ħiliet diġitali bażiċi:** Tagħti prijorità lill-inizjattivi ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet, tisfrutta sħubijiet pubbliċi-privati u l-finanzjament tal-UE, u tippromwovi l-litteriżmu diġitali b'mod partikolari fost dawk bi sfond edukattiv aktar baxx.
- **Ċibersigurtà:** Timplimenta inizjattivi mmirati biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-internet u tittejjeb l-adozzjoni tal-Estensjonijiet tas-Sigurtà tas-Sistema tal-Ismijiet tad-Dominju (DNSSEC, Domain Name System Security Extensions), u tappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà.
- **IA:** Tkompli bl-isforzi biex tiġi msaħħa l-adozzjoni tal-IA, speċjalment fost l-SMEs, u b'konnessjoni mal-implimentazzjoni ta' teknoloġiji oħra, bħal cloud u nodi periferiċi.
- **Infrastruttura tal-konnettività:** Tkompli bl-isforzi biex jiġu implimentati n-networks tal-fibra u l-baned pijunieri tal-5G u tippromwovi l-adozzjoni tagħhom.
- **Diġitalizzazzjoni tal-SMEs:** Ittejjeb l-isforzi biex jitnaqqas id-distakk fid-diġitalizzazzjoni bejn l-SMEs u l-intrapriżi l-kbar, sabiex jiġi mmassimizzat il-potenzjal ekonomiku tal-SMEs.